MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru. 42/2004

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Consuelo –Pilar Scerri Herrera LL.D.**

**Artikoli 25 (c), 41 A.L. 129 tal-2001 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Marcus Saverius Bonello ta' 30 sena bin Angelo u Mary nee Brincat imwieled Attard, Malta fis-6 ta' Awissu, 1974 u joqghod "Shillelagh" 14, Triq Bari, Siggiewi, Malta detentur tal-karta ta' l-Identita' numru 406174 (M).**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat talli fit-30 ta' Gunju, 2003 ghall-habta tat-3.10 ta' wara nofsinhar, waqt li kien qed isuq speedboat bin-numru tar-registrazzjoni S14187, mghammra b'mutur tal-ghamla Mariner 225HP, vicin il-bajja ta' Mgarr ix-Xini Ghawdex, naqas li jaghti dak it-taghrif mehtieg meta hekk kien mitlub minn ufficjal tal-Forzi Armati ta' Malta waqt il-qadi ta' dmirijietu.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-ispeedboat hawn fuq imsemmija b'velocita` ta' izjed minn ghaxar knots meta kien 'l gewwa minn 200 metru 'l boghod mix-xtajta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 7 tal-atti datat 26 ta' Ottubru, 2004 mmarkat bhala dokument CSH sabiex din il-kawza titmexxa bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferita.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe` lis-Surgent Carmel Farrugia jixhed fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004 u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi nhar it-30 ta' Gunju, 2003 is-Surgent Carmel Farrugia kien qed jaghmel ir-rutina tieghu normali billi jwaqqaf speedboats u lanec u jiccekkja d-dettalji tas-sewwieqa taghhom. F'hin minnhom huwa dahal fil-port ta' Imgarr ix-Xini u ra lill-imputat bl-ispeedboat numru S14187 b'mutur Mariner ta' 225 HP ta' kulur griz. Fuq din l-ispeedboat jghid li kien hemm hames minn nies.

Is-surgent jghid li avvicina lill-imputat u talbu li johrog il-barra mill-port biex jaghtih il-partikularitajiet tieghu, pero' minflok ma ghamel hekk, l-imputat allegatament harab minn fuq il-post bi speed eccessiv.

Mistoqsi jekk l-imputat kienx qed isuq bi speed eccessiv, ix-xhud wiegeb li ma kienx overspeeding u fil-fatt jghid li huwa ma tahx charge ta' overspeeding. Ikkonferma pero li l-imputat ma tahx il-partikolaritajiet tieghu meta gie mistoqsi u ghalhekk talab li jinhariglu tali charge. Aktar tard pero, x-xhud jghid illi l-imputat dak il-hin kien tah ismu u cioe` Marcus Saverius Bonello u kien hu li ghadda dan l-isem lill-Pulizija Esekuttiva biex jittiehdu passi ulterjuri.

L-imputat xehed fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2005 u jghid illi huwa minnu li dakinhar tat-30 ta' Gunju, 2003 huwa kien fil-port ta' Imgarr ix-Xini u gie mwaqqaf minn xi membri tal-armata li talbuh il-partikolaritajiet tieghu u fil-fatt aderixxa ruhu ma tali talba. Mistoqsi ghalfejn riedu l-partikolaritajiet tieghu, l-imputat wiegeb li staqsewh jekk id-daghjsa kienetx inxurjata u jekk kellhiex licenzja tas-sewqan tal-bahar. Hu ghaddielu tali dokumentazzjoni u meta ra illi tali dokumentazzjoni giet mghotija lilu u kien mgharraf li kienet in regola, telaq l'hemm.

Mistoqsi jekk huwa saqx bi speed eccessiv, huwa irrisponda fin-negattiv u ikkonferma illi l-partikolaritajiet tahom lill-Ufficjal proprju dak il-hin meta gie mistoqsi.

**Ghaldaqstant in vista ta' din ix-xhieda il-Qorti rat illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi l'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, u ghaldaqstant wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 25 (c) u 41 tal-A.L. 129/2001, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat MARCUS SAVERIUS BONELLO hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minn tali akkuzi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------